# Il-Kewkba tas-Saħrin

Sewwa l-għorrief ta' żmien bikri, kemm il-għorrief ta' żmenijietna, ħabbtu moħħom u tqabdu bejniethom biex isibu tifsira ta' x'kienet sewwa l-kewkba li kif hemm miktub fil-Ħabar (1) ta' S. Mattew (K. II. v. 2) dehret lis-Saħrin jew Maġi u waslithom fuq l-imkien li fih twieled Ġesù.

Uħud mir-rħieb il-qodma jew Santi Padri riedu jgħidu li kienet Anġlu li ħâ bixra ta' kewkba; oħrajn qalu li kienet kewkba għoġbija, li rawha s-Saħrin biss. Kien hemm min ried itarraf li kienet kometa. Uħud twebblu li kienet kewkba li nħarqet (bħal kewkba "Pellegrina" li dehret fis-sena 1572) u wara battlet tidher u ntfiet (2).

Wieħed għaref Ġermaniż, Kepler, ried juri bil-qjes u l-għadd fuq il-kwiekeb, li l-kewkba tas-Saħrin ma kinetx għajr id-dehra ta' tliet kewkbiet quddiem xulxin. Kif igħid dan, fis-sena ta' Ruma 747 it-tliet kewkbiet Ġiovi, Marti u Saturnu dehru quddiem xulxin għamla ta' kewkba waħda kbira, fl-imħalla jew kostellazzjoni tal-Ħut (Pisces). Imma Kepler meta qal hekk, kien għamel qjies ħażin—u dan urieh ftit taż-żmien ilu l-għaref Ingliż Stockwell.

Tarġa', kieku wkoll Kepler kien qies sewwa, u fis-sena 747 it-tliet kewkbiet li għedna dehru tas-sew quddiem xulxin, id-dehra tagħhom ma taqbilx maż-żmien li fih twieled Gesù. F'xogħol ta' għerf kbir li ħadem m'ilux il-Patri Ġeżwita Holzmeister—Chronologia Vitæ Christi—wera li twelid Ġesù ġara fis-sena ta' Ruma 750 (mhux 747) fil-41 ta' Kajser Augustus.

* * *

Imma x'setgħet kienet qatt din il-kewkba? Kewkba għoġbija, jew kewkba ta' bil-ħaqq?

Inwieġeb kif naħsibha jien, fil-qasir kemm nista', għal din il-mistoqsija, bla ma mmieri l-fehma ta' ħadd.

Jaħtieġ wieħed jintebaħ, qabel xejn, li l-ġrajja tal-kewkba tas-Saħrin tinsab biss fil-Ħabar li hu msemmi ta' San Mattew. Għad li dan il-ktieb hu mqiegħed l-ewwel fost l-erba' kotba tal-Iħbra, huwa magħdud mill-kotra tal-għorrief tal-lum li nkiteb *wara* ta' S. Mark, u wkoll wara l-waqgħa ta' Ġerusalemm fi żmien Titu, bin Vespasjanu, fis-sena 70 kif ngħoddu l-lum.

Jekk inhu dan minnu—u hemm bosta x'juri li dan minnu—meta nkiteb il-Ħabar ta' S. Mattew, minn dawk in-nies li raw lil Ġesù tarbija ma kien baqa' ħadd jew qisu ħadd. Betlehem qiegħed ma' ġenb Ġerusalemm—bgħid minnha biss xi ħames mili—u fuq Ġerusalemm u ma' dwarha, għal kemm-il

xahar fis-sena 70, kien hemm taqbid kbir. Wieħed li kellu għaxar snin meta twieled Ġesù, u sata' jiftakar xi ħaġa, fil-ħerba ta' Ġerusalemm kellu fuq it-tmenin sena. U ftit nies jgħixu tmenin sena fis-sliema, aħseb u ara fil-ħrieb! Tarġa' kieku baqa' ħaj xi ħadd, ta' xiħ li kien, qajla x'setgħet tgħinu l-fakra (3).

Minn dan jidher li min kiteb il-ġrajja tas-Saħrin u l-kewkba, kiteb kif qallu min sama', mhux kif qallu min ra.

Ħaġa oħra ta' min jintebaħ biha wkoll hi li San Luqa, li jsemmi wkoll twelid Ġesù, isemmi r-ragħajja u ma jsemmix is-Saħrin; u San Mattew isemmi s-Saħrin u ma jsemmix ir-ragħajja. Dan donnu jagħtik taħseb li s-Saħrinu r-ragħajja kienu nies waħda, imsemmija b'isem ta' xortejn, u dan jidher aktar ċar għal dan li sa nsemmi hawnhekk.

Bħal ma semmejt qabel, Ġerusalemm u Betlehem huma bgħid minn xulxin ħames mili biss. In-naħa tax-xellug meta tkun sejjer minn Ġerusalemm għal Betlehem, f'nofs ir-raba', hemm raħal żgħir, qadim, ismu Bejt-Saħur; u ħdejn Betlehem sewwa, in-naħa tax-xerq (4), hemm raħal ieħor, ismu Bejt-Saħur ukoll.

In-nies li jgħammru Bejt-Saħur, bil-lsien tal-Palestina jgħidulhom Saħorin jew *Saħrin*. Il-kelma Griega-Latina 'Magoi' tfisser Saħħarin. Tarġa' San Luqa jgħid li r-ragħajja kienu *jishru* (vigilare) l-imrieħel tagħhom. Ma jidherx li tliet kelmiet li l-ħoss tagħhom jixbah lil xulxin, iridu jgħidu xi ħaġa? In-nies li ġew l-ewwel iżuru lil Ġesù tarbija kienu "jishru" l-imrieħel — mela kienu *saħrin*. Qrib Betlehem hemm ir-rħula tas-Saħrin, u dawk li semma S. Mattew li raw il-kewkba kienu Maġi, jiġifieri Saħħarin. Donnu jidher minn dan li l-Maġi ta' San Mattew u r-ragħajja ta' San Luqa ma humiex għajr nies waħda, imsemmija b'żewġ ismijiet.

Jekk inhuma nies waħda, bħal ma donnhom, mhux meħtieġ li l-kewkba rawha fil-bgħid (bħal kieku fil-Persja, bħal ma jgħidu dawk li jaħsbu l-Maġi kienu Persin).

* * *

Issa hemm ħaġa ta' min jafha, li jekk hi kif naħsibha jien, tħoll il-għoqda kollha, u turi kollox ċar.

Hemm kewkba fis-sema — waħda mill-pjaneti — li bil-Latin, jgħidulha Venus, imma bil-lsien tal-Palestina (u bil-Malti wkoll) jgħidulha l-kewkba s-Saħrija (5). Kien mogħti lilha dana l-isem naħseb, għax hi tishar, billi tidher dejjem fil-għaxja, u tgħib mhux awħar (6) minn erbgħa siegħat wara nżul ix-xemx. Hi l-kewkba tas-sahra. Ma tidher is-sena kollha, imma għal dawra ta' ftit fuq it-tmien xhur.

L-isem tagħha, Saħrija, għandu wkoll x'jaqsam ma' dawk

in-nies li raw l-ewwel 'il Gesù tarbija. Hi kewkba Saħrija, huma Saħrin; mela hija l-kewkba tagħhom.

Barra minn dan l-isem, fil-Palestina, kellha wkoll isem ieħor: il-kewkba tal-Mulej (kewkbet Adoni). Dan l-isem kien imdaħħal mill-art tal-Masar (7), fejn ix-xemx hija l-Mulej, jew Alla, u billi Venus tgħib dejjem ftit wara x-xemx, kienet magħduda bħala s-sieħba tagħha.

Għedna li dil-kewkba ddum tidher qiesha tmien xhur fis-sena. U billi Betlehem qiegħda n-naħa tal-qibla-għarbi (South-West) ta' Ġerusalemm, min iħares minn dik in-naħa, għall-ewwel żmien li tidher, jaraha tgħib fuq Betlehem sewwa.

Hekk għandna mela li: Venus hi kewkba tas-Saħrin, jew tal-Maġi; kewkba tal-Mulej, għax tgħib ftit wara x-xemx; u kewkba li tgħib fuq Betlehem, fejn Ġesù twieled. Tliet xartiet ewlenija li jaqblu mal-Evanġelju sew.

Il-għorrief tal-lum kollha jgħidu li min kiteb il-ktieb ta' San Mattew, ġebbed kemm felaħ, f'kull ma sata' biex juri li Ġesù kien il-Messija. Jista' jkun ukoll, naħseb jien, li dan il-kittieb, mit-tliet xartiet li semmejna, għaqqad l-istorja tal-Maġi u l-kewkba, li ssebbaħ it-tpinġija u żżejjen il-presepi tat-tfal tal-lum.

L. CUTAJAR

1. Evanġelju.
2. Ara "Vita di Gesù Cristo", ta' Mons Le Camus u l-artiklu "La Stella dei Magi" fl-Almanakk tat-Terra Santa 1937.
3. Memorja.
4. Ilvant.
5. Ara xi ktibt jien fuq din il-kewkba fil-ħarġa tal-"Berka" tad-29 ta' Marzu 1937.
6. Aktar tard.
7. Eġittu.